MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 390/2003

**Avviz numru 390/2003DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c**

**vs**

**Mark Bugeja u Sharon Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u hdax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm1811.21) rapprezentanti bilanc fuq self permezz ta' Loan Account bin-numru 058-094053-300, skond ftehim datat 7 ta' Mejju, 1998 (annessi u mmarkat Dok A) u kif jidher mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok B.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Mejju, 2003 kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet legali bir-

rata ta’ 8% mit-28 ta’ Marzu, 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti;
Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ ammissijoni pprezentata mill-konvenuta fis-seduta tal-lum stess permezz ta’ liema hija ammettit it-talba attrici izda illimitat l-ammissjoni taghha ghas-somma ta’ hames mija u seba’ u sebghin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm577.42).

Rat illi l-konvenut Mark Bugeja, ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-ammissjoni limittata tal-konvenuta Sharon Bugeja, ma tista’ b’ebda mod titqies illi qedgha tillimita l-kreditu tal-Bank attur fil-konfront taghha stante illi kwalunkwe ftehim illi seta’ sar sussegwenti ghad-dejn li gie kkuntrattat mal-Bank attur ma jistghax jeffettwa relazzjonjiiet taghha mal-kredituri taghha.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti in solidum bejnithom u konsegwentement qedgha tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-Bank attur is-somma mitluba ta’ elf, tmien mija u hdax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm1811.21) bl-imghaxijiet legali b’effett mit-28 ta’ Marzu tas-sena 2003 u dan minghajr pregudizzju ta’ kull azzjoni spettanti lill-konvenuti fil-konfront ta’ xulxin;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------